OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEP-23-4203**

1 ta' Lulju 2025

Onorevoli Speaker Dr Angelo Farrugia
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Valletta VLT 1111

Onorevoli Speaker

A tenur tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qed tintbagħat lilek kopja tal-Opinjoni Finali flimkien ma' dokumenti oħra relevanti għall-każ sabiex dawn jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

Din l-Opinjoni tirrakkomanda tibdil fil-liġijiet sussidjarji li jaqgħu taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp sabiex il-multi li kienu ġew stabbiliti fis-sena 2012 jirriflettu aktar iż-żminijiet tallum u jibdew jilħqu €100,000 minflok il-massimu eżistenti ta' €50,000. Ġie rrakkomandat ukoll il-konfiska immedjata ta' oġġetti mobbli - bħal imwejjed, siġġijiet, tined u tabelli - li ma jkunux koperti bil-permess.

Is-sitwazzjoni preżenti mhix qed tkun biżżejjed ta' deterrent sabiex jitrażżnu l-abbużi.

Il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar baqa ma weġibx għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju.

Tislijiet

Imħallef Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Perit Alan Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

Dokumenti annessi

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Email: office@ombudsman.org.mt
www.ombudsman.org.mt

Ikkuppjati:

1. Segretarju Permanenti, Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar
2. Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Ippjanar
3. Direttur Ġenerali (Kordinazzjoni u Implimentazzjoni), Uffiċċju tal-Prim Ministru

**Każ Nru CEP-23-4203**

23 ta' Mejju 2025

Onor. Prim Ministru Dr Robert Abela
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Belt Valletta

Onor. Prim Ministru

Skont l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman, qed nibgħatulek kopja tal-korrispondenza u l-Opinjoni Finali fejn ġie irrakkomandat tibdil fil-liġijiet sussidjarji li jaqgħu taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp sabiex il-multi jirriflettu aħjar is-sitwazzjonijiet kurrenti kemm fl-ammont massimu stabbilit u kif ukoll għal dak li jirrigwarda irregolaritajiet li jinvolvu oġġetti mobbli.

Il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar baqa ma weġibx għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju.

Insellu għalik

Imħallef Emeritus Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Perit Alan Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

Dokumenti annessi

Ikkuppjati: 1. Segretarju Permanenti, Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar
2. Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Ippjanar
3. Direttur Ġenerali (Kordinazzjoni u Implimentazzjoni), Uffiċċju tal-Prim Ministru

Joanna Farrugia

| | |
|---|---|
| From: | Joanna Farrugia on behalf of Commissioner for Environment and Planning |
| Sent: | 02 April 2025 10:47 |
| To: | john.borg@gov.mt |
| Cc: | johann.buttigieg@pa.org.mt; joe.galea@gov.mt; sharon.grech@pa.org.mt; ivor.robinich@pa.org.mt; charles.debattista@pa.org.mt; ecoffice@pa.org.mt |
| Subject: | Każ Nru CEP-23-4203 |

**Każ Nru CEP-23-4203**

2 ta' April 2025

Is-Segretarju Permanenti
Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar

Issir referenza għal dan il-każ li jitratta r-regolamenti dwar skedi ta' multi (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.25) taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Lura fl-4 ta' Diċembru 2023 (u mibgħuta mill-ġdid fit-13 ta' Marzu 2024) dan l-Uffiċċju talab il-kummenti tal-Ministeru dwar jekk il-massimu ta' €50,000 stabbilit f'dawn ir-regolamenti (li nħarġu għaxar snin ilu) għadhomx addattati għal-lum u jekk dan hux qed iservi bħala deterrent siewi kontra żvilupp irregolari, partikolarment bħal dak f'bini skedat u qlugħ ta' siġar u kif ukoll jekk hux iż-żmien li dawn ir-regolamenti jindirizzaw ukoll il-problemi viġenti ta' infurzar li tħabbat wiċċha magħhom l-istess Awtorità fejn *si tratta* strutturi irregolari li m'humiex daqstant fissi bħal kiosks, tined u mwejjed u siġġijiet.

L-ammont konsiderevoli ta' applikazzjonijiet 'to sanction' u kif ukoll il-problemi viġenti ta' ostakoli minn strutturi bħal imwejjed u siġġijiet fuq spazji pubbliċi jitolbu tibdil drastiku f'dawn ir-regolamenti sabiex minbarra li l-multi jkunu jirriflettu l-estent tal-irregolarità għaż-żminijiet tal-lum (dawn il-multi kienu ġew stabbiliti fis-sena 2012), l-istess multi jservu wkoll ta' deterrent utli f'ġieħ l-ambjent.

Qed jiġi rrakkomandat illi:

1. L-ammont massimu jiżdied għal €100,000.
2. Fil-każ ta' żvilupp permezz ta' oġġetti mobbli, tingħata twissija bil-miktub u f'każ ta' repetizzjoni fi żmien xahar, jiġu konfiskati l-oġġetti jew tiġi mposta multa simili għal dik stabbilita taħt ir-regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13).

Dawn il-figuri għandhom jiġu wkoll konformi u b'hekk riflessi fir-regolamenti dwar multi għal kull ġurnata u multi amministrattivi (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.24).

Nitolbok tinfurmani sat-2 ta' Mejju 2025 x'azzjoni bi ħsiebek tieħu biex twettaq dawn ir-rakkomandazzjonijiet u dan fit-termini tal-Artikolu 22 tal-Att XXI dwar l-Ombudsman tal-1995.

Inselli għalik

Perit Alan Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar
Uffiċċju tal-Ombudsman

Ikkuppjat: Chairperson Eżekuttiv Awtorità tal-Ippjanar

OMBUDSMAN
COMMISSIONER FOR ENVIRONMENT AND PLANNING
11 ST. PAUL STREET VALLETTA VLT 1210
telephone: + 356 22483200 fax: + 356 21247924
direct line: + 356 22483219 e-mail: cep@ombudsman.org.mt

**ommissioner for Environment and Planning**

| | |
|---|---|
| **From:** | Commissioner for Environment and Planning |
| **Sent:** | 13 March 2024 11:14 |
| **To:** | joe.galea@gov.mt; john.borg@gov.mt |
| **Attachments:** | CEP-23-4203 correspondence.pdf |

Sir

Following Monday's meeting with the Commissioner for Environment and Planning attached please find previous correspondence regarding Case No CEP-23-4203 as agreed.

Regards

Charlene Azzopardi
PA to Commissioner for Environment and Planning

OMBUDSMAN

11 ST. PAUL STREET VALLETTA VLT 1210
telephone: + 356 22483200 fax: + 356 21247924
direct line: + 356 22483219 e-mail: cep@ombudsman.org.mt

**C[illegible]mmissioner for Environment and Planning**

**From:** Tabone Carlos at MPWP-OPS <carlos.tabone@gov.mt>
**Sent:** 11 December 2023 11:07
**To:** Commissioner for Environment and Planning
**Cc:** Magro Oliver at PA; Robinich Ivor at PA; Sandra Caruana Sargent; Gatt Mandy at PA; kathleen.grima@pa.org.mt; Fenech Amanda 1 at MPWP-OPS
**Subject:** RE: Każ Nru CEP-23-4203

RECEIVED
11 DEC 2023
COMMISSIONER FOR ENVIRONMENT AND PLANNING

Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar
Uffiċċju tal-Ombudsman

Is-Sur Alan Saliba,

Ittieħdet nota tal-korrispondenza tiegħek.

Ninfurmak li din il-materja ser tkun diskussa internament u dan il-Ministeru ser ikun qed jgħaddi 'l kummenti tiegħu fi żmien li ġej.

Tislijiet,


Carlos Tabone
Permanent Secretary
Office of the Permanent Secretary

t +356 22922113 e carlos.tabone@gov.mt
www.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR PUBLIC WORKS AND PLANNING
BLOCK B TRIQ FRANCESCO BUONAMICI,
FLORIANA, MALTA


Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

**From:** Commissioner for Environment and Planning <cep@ombudsman.org.mt>
**Sent:** Monday, 04 December 2023 10:09
**To:** Tabone Carlos at MPWP-OPS <carlos.tabone@gov.mt>
**Cc:** Magro Oliver at PA <Oliver.Magro@pa.org.mt>; Robinich Ivor at PA <Ivor.Robinich@pa.org.mt>; Sandra Caruana Sargent <Sandra.CaruanaSargent@pa.org.mt>; Gatt Mandy at PA <mandy.gatt@pa.org.mt>; kathleen.grima@pa.org.mt; Fenech Amanda 1 at MPWP-OPS <amanda.fenech.1@gov.mt>
**Subject:** Każ Nru CEP-23-4203

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

**Każ Nru CEP-23-4203**

4 ta' Diċembru 2023

Is-Segretarju Permanenti
Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

**ommissioner for Environment and Planning**

|  |  |
|---|---|
| **From:** | Commissioner for Environment and Planning |
| **Sent:** | 04 December 2023 10:09 |
| **To:** | carlos.tabone@gov.mt |
| **Cc:** | oliver.magro@pa.org.mt; ivor.robinich@pa.org.mt; Sandra Caruana Sargent; mandy.gatt@pa.org.mt; kathleen.grima@pa.org.mt; amanda.fenech.1@gov.mt |
| **Subject:** | Każ Nru CEP-23-4203 |

**Każ Nru CEP-23-4203**

4 ta' Diċembru 2023

Is-Segretarju Permanenti
Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Dan l-Uffiċċju fetaħ investigazzjoni wara ilment fuq ir-regolamenti dwar skedi ta' multi (L.S. 552.25) taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Din l-investigazzjoni ser titratta żewġ aspetti:

1. Jekk il-massimu ta' €50,000 stabbilit f'dawn ir-regolamenti (li nħarġu għaxar snin ilu) jirriflettix iż-żmien tallum u jekk hux qed iservi bħala deterrent siewi kontra żvilupp irregolari, partikolarment bħal dak f'bini skedat u qlugħ ta' siġar. Għalkemm din il-parti tal-ilment titratta żvilupp irregolari f'Ħal Balzan (referenza tal-Awtorità tal-Ippjanar EC/00403/04 u EC/00047/12) din l-investigazzjoni ser tidħol fuq dan l-aspett minn angolu ta' natura ġenerali.
2. Jekk hux iż-żmien li dawn ir-regolamenti jindirizzaw ukoll il-problemi viġenti ta' infurzar li tħabbat wiċċha magħhom l-istess Awtorità fejn si tratta strutturi irregolari li m'humiex daqstant fissi bħal kiosks, tined u mwejjed u siġġijiet. Dan bil-possibiltà li tidħol sistema fejn wara li tingħata twissija bil-miktub kif stabbilit fl-Att, tiġi imposta multa instantanja u/jew konfiska tal-oġġetti meta l-irregolarità tippersisti.

Nitlob il-kummenti tal-Ministeru sabiex dan l-Uffiċċju jkun jista jagħmel l-aħjar rakkomandazzjonijiet fir-rigward.

Iċ-Chairperson Eżekuttiv qed jiġi kkuppjat għall-kummenti min-naħa tal-Awtorità.

Insellimlek

…an Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar
Uffiċċju tal-Ombudsman

Ikkuppjat: Chairperson Eżekuttiv, Awtorità tal-Ippjanar

OMBUDSMAN

11 ST. PAUL STREET VALLETTA VLT 1210
telephone: + 356 22483200 fax: + 356 21247924
direct line: + 356 22483219 e-mail: cep@ombudsman.org.mt